SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Is-Sitt Awla Estiża)

31 ta' Mejju 2018*

"Dritt istituzzjonali – Il-Parlament Ewropew – Regoli ta' Proċedura tal-Parlament – Kummenti li jippreġudikaw id-dinjità tal-Parlament u l-iżvolġiment tajjeb tal-ħidma parlamentari – Sanzjonijiet dixxiplinari tat-telf tad-dritt għall-allowance ta' residenza u tas-sospensjoni temporanja tal-parteċipazzjoni fl-attivitajiet kollha tal-Parlament – Libertà tal-espressjoni – Obbligu ta' motivazzjoni – Żball ta' liġi"

Fil-Kawża T-352/17,

**Janusz Korwin-Mikke**, residenti f'Józefów (il-Polonja), irrappreżentat minn M. Cherchi, A. Daoût u M. Dekleermaker, avukati,

rikorrent,

vs

**Il-Parlament Ewropew**, irrappreżentat minn N. Görlitz, S. Seyr u S. Alonso de León, bħala aġenti,

konvenut,

li għandu bħala għan, minn naħa, talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u li hija intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tal-President tal-Parlament tal-14 ta' Marzu 2017 u tad-deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament tat-3 ta' April 2017, li jimponu fuq ir-rikorrent is-sanzjoni tat-telf tad-dritt għall-allowance ta' residenza għal perijodu ta' 30 jum, tas-sospensjoni temporanja tal-parteċipazzjoni tiegħu fl-attivitajiet kollha tal-Parlament għal perijodu ta' għaxart ijiem konsekuttivi u tal-projbizzjoni li jirrappreżenta lill-Parlament għal perijodu ta' sena u, min-naħa l-oħra, talba bbażata fuq l-Artikolu 268 TFUE u li hija intiża għall-ksib ta' kumpens għad-dannu allegatament imġarrab mir-rikorrent minħabba l-imsemmija deċiżjonijiet,

IL-QORTI ĠENERALI (Is-Sitt Awla Estiża),

komposta minn G. Berardis, President, S. Papasavvas (Relatur), D. Spielmann, Z. Csehi u O. Spineanu-Matei, Imħallfin,

Reġistratur: G. Predonzani, Amministratriċi,

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura u wara s-seduta tad-29 ta' Novembru 2017,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

## Sentenza

### Il-fatti li wasslu għall-kawża

1 Ir-rikorrent, Janusz Korwin-Mikke, huwa Membru tal-Parlament Ewropew.

2 Matul is-seduta plenarja tal-Parlament tal-1 ta' Marzu 2017 (iktar 'il quddiem is-"seduta plenarja tal-1 ta' Marzu 2017"), bis-suġġett "Gender pay gap", jiġifieri d-differenza ta' remunerazzjoni bejn in-nisa u l-irġiel, ir-rikorrent għamel domanda lil membru parlamentari Ewropew, kif ġej:

"Tafu x'inhu r-rekord tan-nisa fl-Olimpjadi tal-Polonja fil-fiżika teoretika? X'kienet il-pożizzjoni tal-aqwa mara jew tfajla? Nista' ngħidilkom jien: 800. U tafu kemm-il mara tinsab fost l-aqwa mitt ġugatur taċ-ċess? Ser ngħidilkom: lanqas waħda. U naturalment, in-nisa għandhom jaqilgħu inqas mill-irġiel minħabba li huma iktar debboli, iżgħar u inqas intelliġenti, huma għandhom jaqilgħu inqas. Dak kollox."

3 B'ittra tat-3 ta' Marzu 2017, il-President tal-Parlament informa lir-rikorrent, minn naħa, dwar il-fatt li l-kummenti magħmula matul is-seduta plenarja tal-1 ta' Marzu 2017 kienu jippreġudikaw id-dinjità tal-Parlament u l-valuri mniżżla fl-Artikolu 11 tar-Regoli ta' Proċedura ta' dan tal-aħħar (iktar 'il quddiem ir-"Regoli ta' Proċedura") u, min-naħa l-oħra, dwar il-ftuħ ta' proċedura dixxiplinari fil-konfront tiegħu, skont l-Artikolu 166(1) tal-imsemmija regoli, filwaqt li stiednu jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu.

4 B'ittra tas-7 ta' Marzu 2017, ir-rikorrent ippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu lill-President tal-Parlament.

5 Permezz ta' deċiżjoni tal-14 ta' Marzu 2017 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni tal-President"), il-President tal-Parlament impona s-sanzjonijiet li ġejjin fuq ir-rikorrent:

– it-telf tad-dritt għall-allowance ta' residenza għal perijodu ta' 30 jum;

– is-sospensjoni temporanja tal-parteċipazzjoni fl-attivitajiet kollha tal-Parlament għal perijodu ta' għaxart ijiem konsekuttivi, bla ħsara għall-eżerċizzju tad-dritt tal-vot f'seduta plenarja;

– il-projbizzjoni li jirrappreżenta lill-Parlament f'delegazzjoni interparlamentari, konferenza interparlamentari jew fi kwalunkwe forum interistituzzjonali ieħor għal perijodu ta' sena.

6 Fis-27 ta' Marzu 2017, ir-rikorrent ippreżenta rikors intern quddiem il-Bureau tal-Parlament kontra d-deċiżjoni tal-President, fejn talab l-annullament tas-sanzjonijiet imposti fuqu, konformement mal-Artikolu 167 tar-Regoli ta' Proċedura.

7 Permezz ta' deċiżjoni tat-3 ta' April 2017 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni tal-Bureau"), il-Bureau tal-Parlament żamm is-sanzjonijiet imposti fuq ir-rikorrent permezz tad-deċiżjoni tal-President.

### Proċedura

8 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-2 ta' Ġunju 2017, ir-rikorrent ippreżenta dan ir-rikors.

9 Fuq proposta tas-Sitt Awla, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, skont l-Artikolu 28 tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, li tibgħat lura l-kawża quddiem Kulleġġ Ġudikanti Estiż.

10 Fuq proposta tal-Imħallef Relatur, il-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla Estiża) iddeċidiet li tiftaħ il-fażi orali tal-proċedura u, fil-kuntest tal-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura previsti fl-Artikolu 89 tar-Regoli tal-Proċedura, stiednet lill-partijiet jirrispondu għal domanda. Il-partijiet ressqu dawn it-talbiet fit-termini imposti.

11 Is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet u t-tweġibiet tagħhom għall-mistoqsijiet orali magħmula mill-Qorti Ġenerali nstemgħu matul is-seduta tad-29 ta' Novembru 2017.

### It-talbiet tal-partijiet

12 Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tannulla d-deċiżjoni tal-Bureau;

– tannulla d-deċiżjoni tal-President;

– tordna l-kumpens għad-danni finanzjarji u morali kkawżati mid-deċiżjonijiet tal-President u tal-Bureau, stmati għal EUR 19 180;

– tikkundanna lill-Parlament għall-ispejjeż.

13 Il-Parlament jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad it-talba għal annullament tad-deċiżjoni tal-President bħala inammissibbli;

– tiċħad it-talba għal annullament tad-deċiżjoni tal-Bureau bħala parzjalment inammissibbli u bħala parzjalment infondata;

– tiċħad it-talba għal kumpens bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment infondata;

– tikkundanna lir-rikorrent għall-ispejjeż.

14 Matul is-seduta, ir-rikorrent iddikjara r-rinunzja għar-rikors, sa fejn dan jikkonċerna d-deċiżjoni tal-President, li ġiet issostitwita bid-deċiżjoni tal-Bureau, li tikkostitwixxi l-pożizzjoni finali tal-Parlament, li ttieħdet nota tagħha fil-proċess verbal tas-seduta.

### Fid-dritt

#### *Fuq it-talbiet għal annullament*

15 Ir-rikorrent iqajjem żewġ motivi insostenn tat-talbiet għal annullament tiegħu bbażati, essenzjalment, l-ewwel wieħed, fuq ksur tal-prinċipju ġenerali tal-libertà tal-espressjoni, tal-Artikolu 166 tar-Regoli ta' Proċedura, u tal-obbligu ta' motivazzjoni u, it-tieni wieħed, fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità u tal-obbligu ta' motivazzjoni.

16 Fil-fatt, għalkemm fl-intestatura tal-imsemmija motivi, kif tidher fir-rikors, jissemmew ukoll ilmenti oħrajn, ibbażati partikolarment fuq ksur tal-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") u ta' eċċess ta' poter, għandu jiġi kkonstatat li mis-sustanza tal-argument tar-rikorrent jirriżulta li huwa jakkuża lill-Parlament li kiser id-dritt tiegħu għal-libertà tal-espressjoni, kif iggarantit mill-Artikolu 11 tal-Karta u mill-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-"KEDB") (l-ewwel parti tal-ewwel motiv), li wettaq żball

manifest ta' evalwazzjoni u li kiser il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 166 tar-Regoli ta' Proċedura (it-tieni parti tal-ewwel motiv), li kiser l-obbligu ta' motivazzjoni tiegħu skont l-Artikolu 296 TFUE (it-tielet parti tal-ewwel motiv u t-tieni parti tat-tieni motiv) u, fl-aħħar nett, li kiser il-prinċipju ta' proporzjonalità fir-rigward tas-sanzjonijiet dixxiplinari imposti (l-ewwel parti tat-tieni motiv).

*Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ġenerali tal-libertà tal-espressjoni, tal-Artikolu 166 tar-Regoli ta' Proċedura u tal-obbligu ta' motivazzjoni*

17 Qabel kollox, għandha tiġi eżaminata t-tielet parti u sussegwentement, flimkien, l-ewwel u t-tieni partijiet tal-ewwel motiv.

*– Fuq it-tielet parti, ibbażata fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni*

18 Ir-rikorrent isostni li l-motivazzjoni tad-deċiżjoni tal-Bureau la tippermetti li wieħed ikun jaf ħoloqx diżordni eċċezzjonalment gravi fis-seduta plenarja tal-1 ta' Marzu 2017, la li jiddetermina liema prinċipji mniżżla fl-Artikolu 11 tar-Regoli ta' Proċedura ġew miksura, u lanqas li jifhem għaliex ma tqisitx il-libertà tal-espressjoni msaħħa li jgawdi minnha bħala membru parlamentari.

19 Il-Parlament jikkontesta dan l-argument.

20 Għandu jitfakkar li l-obbligu ta' motivazzjoni jikkostitwixxi formalità essenzjali li għandha tiġi distinta mill-kwistjoni tal-fondatezza tal-motivi, peress li din taqa' taħt il-legalità tal-mertu tal-att kontenzjuż (ara s-sentenza tat-22 ta' Mejju 2012, Internationaler Hilfsfonds vs Il-Kummissjoni, T-300/10, EU:T:2012:247, punt 180 u l-ġurisprudenza ċċitata). Fil-fatt, il-motivazzjoni ta' deċiżjoni tikkonsisti fl-espressjoni formali tal-motivi li fuqhom hija bbażata din id-deċiżjoni. Din il-motivazzjoni tista' tkun suffiċjenti biex tesprimi l-motivi żbaljati (ara d-digriet tat-12 ta' Lulju 2012, Dover vs Il-Parlament, C-278/11 P, mhux ippubblikat, EU:C:2012:457, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).

21 Barra minn hekk, ma huwiex meħtieġ li l-motivazzjoni tispeċifika l-punti kollha ta' fatt u ta' liġi rilevanti, sa fejn il-kwistjoni dwar jekk il-motivazzjoni ta' att tissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 296 TFUE għandha tiġi evalwata mhux biss fir-rigward tal-formulazzjoni tiegħu, iżda wkoll fid-dawl tal-kuntest tiegħu, kif ukoll f'dak tar-regoli ġuridiċi kollha li jirregolaw il-qasam ikkonċernat (ara s-sentenza tat-22 ta' Mejju 2012, Internationaler Hilfsfonds vs Il-Kummissjoni, T-300/10, EU:T:2012:247, punt 181 u l-ġurisprudenza ċċitata).

22 F'dan il-każ, id-deċiżjoni tal-Bureau fiha tliet taqsimiet. L-ewwel waħda (punti 1 sa 16 tad-deċiżjoni) turi l-fatti li wasslu għall-adozzjoni tas-sanzjonijiet inkwistjoni, id-dikjarazzjonijiet preċedenti tar-rikorrent li diġà kienu s-suġġett ta' sanzjonijiet u l-proċedura tar-rikors intern ippreżentat minn dan tal-aħħar kontra d-deċiżjoni tal-President. It-tieni waħda (punti 17 sa 23 tad-deċiżjoni) tistabbilixxi l-kuntest ġuridiku applikabbli u t-tielet waħda (punti 24 sa 37 tad-deċiżjoni) tinkludi evalwazzjoni ġuridika, bil-għan li tistabblixxi ksur, mir-rikorrent, tal-Artikolu 11 tar-Regoli ta' Proċedura u, għaldaqstant, tal-Artikolu 166 tal-imsemmija regoli.

23 B'mod partikolari, fil-punti 26 sa 28 tad-deċiżjoni, wara li fakkar l-importanza tal-prinċipju ta' ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, stabbilit fl-Artikolu 2 TUE u rrikonoxxut mill-Karta, il-Bureau tal-Parlament, qabel kollox, ikkonstata li, permezz tal-kummenti diskriminatorji, insolenti u ċertament ippremeditati, magħmula, barra minn hekk, bħala parti minn data statistika ppreġudikata, ir-rikorrent ippreġudika wieħed mill-valuri fundamentali tal-Unjoni. Barra minn hekk, ir-rikorrent bla dubju kellu l-intenzjoni li jipprovoka u jinsulta lin-nisa, iżda anki lill-Parlament bħala istituzzjoni, gwardjana tal-valuri Ewropej li jippromwovu l-ugwaljanza tas-sessi. Barra minn hekk, l-imsemmija kummenti kienu qanqlu l-interess tal-midja u reazzjonijiet fuq in-netwerks soċjali li għalhekk irriżultaw f'impatt negattiv fuq id-dehra tal-Parlament u tal-Membri tiegħu quddiem iċ-ċittadini tal-Unjoni.

24 Sussegwentement, filwaqt li fakkar l-importanza tal-libertà tal-espressjoni rrikonoxxuta mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 11(4) tar-Regoli ta' Proċedura u mill-istrumenti ġuridiċi internazzjonali differenti dwar id-drittijiet tal-bniedem, il-Bureau tal-Parlament innota li, wara dawn it-testijiet u wara l-interpretazzjoni ta' din il-libertà mill-ġurisprudenza, l-eżerċizzju tagħha seta' jiġi limitat jekk jikser drittijiet oħrajn, "partikolarment jekk weġġa' jew insulta lil persuni oħrajn" [traduzzjoni mhux uffiċjali] jew "biex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-drittijiet jew ir-reputazzjoni ta' persuni oħrajn" [traduzzjoni mhux uffiċjali] (punti 29 u 30 tad-deċiżjoni tal-Bureau). Barra minn hekk, fil-punt 31 tal-imsemmija deċiżjoni, il-Bureau tal-Parlament indika li l-prinċipju tal-libertà tal-kelma, iggarantit lill-Membri tal-Parlament kollha, ma japplikax "għal-lingwaġġ insolenti, offensiv jew li juri nuqqas ta' rispett" [traduzzjoni mhux uffiċjali] jew "għall-aġir li jippreġudika d-dinjità tal-Parlament u li jikkostitwixxi ksur tal-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

25 Wara din l-espożizzjoni, il-Bureau tal-Parlament ikkonstata, fil-punt 32 tad-deċiżjoni tiegħu, li l-aġir tar-rikorrent kien jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 11(3) tar-Regoli ta' Proċedura minħabba li ppreġudika l-valuri u l-prinċipji mniżżla fit-Trattati, inkluża l-Karta, u ma rrispettax id-dinjità tal-Parlament. Iktar minn hekk, enfasizza li dan l-aġir ma setax jiġi ġġustifikat skont l-Artikolu 11(4) tal-imsemmija regoli, fid-dawl tal-fatt li l-użu ta' lingwaġġ offensiv u insolenti ma setax jiġi kopert mil-libertà tal-espressjoni. Dan ikkonkluda li, f'dawn il-kundizzjonijiet, ir-rikorrent sfratta l-ħidma tal-Parlament bi ksur tal-prinċipji mniżżla fl-Artikolu 11 tar-Regoli ta' Proċedura, fis-sens tal-Artikolu 166 ta' dan tal-aħħar.

26 Finalment, fil-punti 33 sa 35 tad-deċiżjoni tiegħu, il-Bureau tal-Parlament innota li r-rikorrent diġà uża lingwaġġ mhux xieraq, bi ksur tal-Artikolu 11(3) tar-Regoli ta' Proċedura, fatt li kien wassal lill-President tal-Parlament, għat-tielet darba, sabiex jimponilu sanzjonijiet li, sussegwentement, ġew ikkonfermati mill-Bureau tal-Parlament. Għaldaqstant, dan ikkonkluda li l-aġir tar-rikorrent kellu jitqies bħala gravi u rikorrenti, u li l-fatt li ma skużax ruħu anzi, għall-kuntrarju, tenna l-kummenti tiegħu, kien jiġġustifika iktar is-severità tas-sanzjoni imposta.

27 Minn dan isegwi li, bla ħsara għall-eżami tal-fondatezza tagħha, li ser isir fil-kuntest tal-ewwel u t-tieni partijiet ta' dan il-motiv, id-deċiżjoni tal-Bureau tinkludi motivazzjoni f'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 296 TFUE.

28 Għaldaqstant, it-tielet parti tal-ewwel motiv għandha tiġi miċħuda.

*– Fuq l-ewwel u t-tieni parti, ibbażati, rispettivament, fuq ksur tal-libertà tal-espressjoni u fuq ksur tal-Artikolu 166 tar-Regoli ta' Proċedura*

29 Ir-rikorrent jafferma, essenzjalment, li l-Parlament ma stabbilixxiex li r-rekwiżiti mitluba għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 166(1) tar-Regoli ta' Proċedura ġew issodisfatti u li, għalhekk, ġiet imposta fuqu sanzjoni dixxiplinari bi ksur tal-libertà tal-espressjoni msaħħa li jgawdi minnha bħala membru parlamentari, konformement mal-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (iktar 'il quddiem il-"Qorti EDB").

30 F'dan ir-rigward, l-ewwel nett, huwa jsostni li d-deċiżjoni tal-Bureau hija vvizzjata bi żball ta' liġi, sa fejn din ma tqisx suffiċjentement il-fatt li l-kummenti tiegħu, magħmula fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-funzjonijiet parlamentari fi ħdan il-Parlament, kienu jagħmlu parti mid-diskors politiku tiegħu.

31 It-tieni nett, huwa jqis li, billi ried jissanzjona l-kontenut tal-kummenti tiegħu, u mhux ksur possibbli ta' regola tad-dibattitu parlamentari, il-Parlament wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni u kiser il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 166 tar-Regoli ta' Proċedura. Minn naħa, huwa jafferma li mill-motivi tal-imsemmija deċiżjoni jirriżulta li l-intervent tiegħu matul is-seduta plenarja tal-1 ta' Marzu 2017 kien regolari, b'tali mod li ta' min wieħed jistaqsi jekk il-kummenti tiegħu kinux verament ħolqu diżordni fid-dibattitu parlamentari, jew jekk sfrattawhx, b'mod gravi. Min-naħa l-oħra, huwa jinnota li n-natura "ambigwa u impreċiża" tal-formulazzjoni: "diżordni jew sfrattar tal-Parlament

bi ksur tal-prinċipji mniżżla fl-Artikolu 11", imniżżla fl-Artikolu 166 tar-Regoli ta' Proċedura, titlob li l-Parlament juri b'mod konkret li l-kummenti tiegħu kienu tassew jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, fatt li ma kienx il-każ f'dan il-każ.

32 It-tielet nett, ir-rikorrent isostni li d-deċiżjoni tal-Bureau ma turix li l-kummenti tiegħu effettivament ħolqu diżordni fis-seduta plenarja tal-1 ta' Marzu, jew li sfrattaw b'mod gravi l-ħidma tal-Parlament, bi ksur tal-Artikolu 11 tar-Regoli ta' Proċedura, b'tali mod li għandu jitqies li r-rekwiżiti fundamentali msemmija fl-Artikolu 166 tal-imsemmija regoli kienu effettivament issodisfatti.

33 Ir-raba' nett, ir-rikorrent jafferma li l-Parlament jibqa' ma jurix li d-deċiżjoni tal-Bureau tista' titqies bħala deroga awtorizzata għad-dritt tal-libertà tal-espressjoni.

34 Qabel kollox, il-Parlament jafferma li l-eżami tal-validità tad-deċiżjoni tal-Bureau għandu jsir biss fir-rigward tad-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Karta u, b'mod partikolari, fir-rigward tal-Artikolu 11 tagħha, iddedikat għal-libertà tal-espressjoni, u l-interpretazzjoni tiegħu mill-qorti tal-Unjoni. Għalhekk, il-ġurisprudenza tal-Qorti EDB invokata mir-rikorrent ma tkunx applikabbli fil-każ inkwistjoni, iżda, l-iktar l-iktar, tista' sservi bħala sors ta' ispirazzjoni. Anki li kieku din tkun applikabbli, ma jirriżultax li l-libertà tal-kelma tiegħu hija mingħajr limitu.

35 Sussegwentement, il-Parlament jenfasizza li, fl-eżerċizzju tal-kompetenzi previsti fl-Artikoli 166 u 167 tar-Regoli ta' Proċedura, il-President tiegħu u, jekk meħtieġ, il-Bureau tal-Parlament għandhom ċertu marġni ta' diskrezzjoni. Għaldaqstant, l-istħarriġ tal-Qorti Ġenerali għandu jkun limitat sabiex jeżamina jekk l-eżerċizzju ta' tali poter huwiex ivvizzjat bi żball manifest ta' evalwazzjoni jew b'użu ħażin ta' poter u jekk il-garanziji proċedurali ġewx osservati.

36 Finalment, fir-rigward tal-ksur tal-Artikolu 166 tar-Regoli ta' Proċedura, invokat fil-kuntest tat-tieni parti tal-ewwel motiv, il-Parlament jallega li mir-rikors ma jirriżultax b'mod ċar biżżejjed jekk ir-rikorrent jikkritikax id-deċiżjoni tal-Bureau minħabba li ġiet adottata bi ksur tal-imsemmi artikolu jew jekk jikkontestax il-legalità ta' dan tal-aħħar bħala bażi legali tal-imsemmija deċiżjoni, b'tali mod li l-parti inkwistjoni tkun inammissibbli. Madankollu, il-Parlament jiddefendi lilu nnifsu, barra minn hekk, billi jindika li jaqbel mal-qari li jagħmel ir-rikorrent *ratio legis* tal-Artikolu 166 tar-Regoli ta' Proċedura u billi jsostni li s-sitwazzjoni li tipprevedi din id-dispożizzjoni tikkorrispondi eżattament għal dik ta' dan il-każ, minħabba li, bil-kummenti tiegħu, ir-rikorrent ħoloq diżordni fid-dibattiti u l-ħidma tal-Parlament bi ksur tal-prinċipji mniżżla fl-Artikolu 11 tar-Regoli ta' Proċedura, għad-detriment tad-dinjità tal-Parlament u, għalhekk, ġie ssanzjonat. Il-Parlament iżid jgħid, billi jagħmel riferiment għall-punt 27 tad-deċiżjoni tal-Bureau, li d-dikjarazzjonijiet tar-rikorrent, barra minn hekk, ikkawżaw reazzjoni immedjata ta' ċerti Membri u qanqlu reazzjonijiet fil-midja u fuq in-netwerks soċjali, u b'hekk ippreġudikaw b'mod gravi r-reputazzjoni tal-istituzzjoni.

37 Għandu jiġi kkonstatat li, qabel kollox, minn naħa, għall-kuntrarju tal-affermazzjonijiet tal-Parlament u kif jirriżulta mill-punti 16 u 29 sa 33 hawn fuq, is-sustanza tal-argumenti tar-rikorrent, dwar it-tieni parti tal-ewwel motiv, toħroġ mir-rikors b'biżżejjed ċarezza, b'tali mod li l-Parlament seta' jiddefendi lilu nnifsu effettivament fil-kitbiet tiegħu (ara l-punt 36 hawn fuq), kif ukoll matul is-seduta. Fil-fatt, matul din tal-aħħar u kif jirriżulta mill-proċess verbal relatat magħha, il-Parlament kompletament ħa pożizzjoni dwar il-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni tal-Artikolu 166 tar-Regoli ta' Proċedura, marbut mal-Artikolu 11 tal-istess regoli, li tagħmel riferiment għalih din id-dispożizzjoni. Għaldaqstant, l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà invokata mill-Parlament għandha tiġi miċħuda.

38 Min-naħa l-oħra, il-Parlament ma jistax jikkontesta r-rilevanza tal-KEDB u lanqas dik tal-ġurisprudenza tal-Qorti EDB f'dan il-każ, għall-finijiet tal-eżami tal-ksur tal-Artikolu 166 tar-Regoli ta' Proċedura.

39 Fil-fatt, għalkemm huwa minnu li l-KEDB ma tikkostitwixxix, sa fejn l-Unjoni ma aderixxiet magħha, strument ġuridiku formalment integrat fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni (sentenzi tas-26 ta' Frar 2013, Åkerberg Fransson, C-617/10, EU:C:2013:105, punt 44, u tat-3 ta' Settembru 2015, Inuit Tapiriit Kanatami *et* vs Il-Kummissjoni, C-398/13 P, EU:C:2015:535, punt 45) u li, konsegwentement, l-eżami tal-validità ta' att tad-dritt sekondarju tal-Unjoni għandu jitwettaq unikament fid-dawl tad-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Karta (sentenza tal-15 ta' Frar 2016, N., C-601/15 PPU, EU:C:2016:84, punt 46), għandu jitfakkar, minn naħa, li, skont l-Artikolu 6(3) TUE, id-drittijiet fundamentali rrikonoxxuti mill-KEDB jagħmlu parti mill-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni u li, min-naħa l-oħra, jirriżulta mill-Artikolu 52(3) tal-Karta li d-drittijiet li jinsabu fiha, li jikkorrispondu għal drittijiet iggarantiti mill-KEDB, għandhom l-istess sens u l-istess portata bħal dawk li tagħtihom il-KEDB. Skont l-ispjegazzjonijiet dwar din id-dispożizzjoni, liema, konformement mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 6(1) TUE u mal-Artikolu 52(7) tal-Karta, għandhom jiġu meqjusa għall-finijiet tal-interpretazzjoni tagħha, is-sens u l-portata tad-drittijiet iggarantiti huma ddeterminati mhux biss mit-test tal-KEDB, iżda wkoll, partikolarment, mill-ġurisprudenza tal-Qorti EDB (ara s-sentenza tat-30 ta' Ġunju 2016, Toma u Biroul Executorului Judecătoresc Horațiu-Vasile Cruduleci, C-205/15, EU:C:2016:499, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata). Mill-imsemmija spjegazzjonijiet jirriżulta wkoll li l-Artikolu 52(3) tal-Karta huwa maħsub sabiex jiżgura l-koerenza neċessarja bejn id-drittijiet inklużi fil-Karta u d-drittijiet korrispondenti ggarantiti mill-KEDB, u dan mingħajr ma tiġi ppreġudikata l-awtonomija tad-dritt tal-Unjoni u tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (sentenza tat-28 ta' Lulju 2016, JZ, C-294/16 PPU, EU:C:2016:610, punt 50). Barra minn hekk, għandu jiġi nnotat li din l-ekwivalenza bejn il-libertajiet iggarantiti mill-Karta u dawk iggarantiti mill-KEDB kienet ġiet stabbilita formalment fir-rigward tal-libertà tal-espressjoni (sentenza tal-4 ta' Mejju 2016, Philip Morris Brands *et*, C-547/14, EU:C:2016:325, punt 147).

40 Fir-rigward, b'mod partikolari, tal-libertà tal-espressjoni, huwa importanti li jitfakkar li din tokkupa post essenzjali fis-soċjetajiet demokratiċi u li din tikkostitwixxi, f'dan ir-rigward, dritt fundamentali partikolarment iggarantit mill-Artikolu 11 tal-Karta, l-Artikolu 10 tal-KEDB u l-Artikolu 19 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, adottat mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, fis-16 ta' Diċembru 1966 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Settembru 2011, Patriciello, C-163/10, EU:C:2011:543, punt 31).

41 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li mill-ġurisprudenza tal-Qorti EDB jirriżulta li, bla ħsara għall-Artikolu 10(2) tal-KEDB, il-libertà tal-espressjoni ma tgħoddx biss għall-informazzjoni jew għall-ideat aċċettati favorevolment jew meqjusa bħala mhux offensivi jew indifferenti, iżda wkoll għal dawk li kienu joffendu, jixxokkjaw jew jinkwetaw lill-Istat jew lil kwalunkwe parti tal-popolazzjoni. Għaldaqstant, hemm bżonn tal-pluraliżmu, tat-tolleranza u tal-ispirtu ta' trasparenza, li mingħajrhom ma jkunx hemm soċjetà demokratika (Qorti EDB, 7 ta' Diċembru 1976, Handyside vs Ir-Renju Unit, CE:ECHR:1976:1207JUD000549372, punt 49).

42 Minkejja dan, id-dritt għal-libertà tal-espressjoni ma jikkostitwixxix prerogattiva assoluta u l-eżerċizzju tiegħu jista' jiġi suġġett, f'ċerti kundizzjonijiet, għal xi restrizzjonijiet.

43 Madankollu, minħabba l-importanza fundamentali tal-libertà tal-espressjoni, ir-restrizzjonijiet tagħha għandhom jiġu evalwati strettament u, kif jirriżulta kemm mill-Artikolu 10(2) tal-KEDB kif ukoll mill-Artikolu 52(1) tal-Karta, l-indħil fil-libertà tal-espressjoni ma huwiex permess, ħlief jekk dan jissodisfa rekwiżit triplu. L-ewwel nett, il-limitazzjoni inkwistjoni għandha tkun "prevista mil-liġi". Fi kliem ieħor, l-istituzzjoni tal-Unjoni li tadotta miżuri li jistgħu jirrestrinġu l-libertà tal-espressjoni ta' persuna għandu jkollha bażi legali għal dan l-iskop. It-tieni nett, il-limitazzjoni inkwistjoni għandu jkollha għan ta' interess ġenerali, irrikonoxxut bħala tali mill-Unjoni. It-tielet nett, il-limitazzjoni inkwistjoni ma għandhiex tkun eċċessiva, fatt li jimplika li, minn naħa, għandha tkun neċessarja u proporzjonata għall-għan maħsub u, min-naħa l-oħra, is-sustanza ta' din il-libertà ma għandhiex tinkiser (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Ġunju 2017, Kiselev vs Il-Kunsill, T-262/15, EU:T:2017:392, punti 69 u 84 u l-ġurisprudenza ċċitata).

44 Għal darba oħra, huwa importanti li jiġi ppreċiżat li ndħil jew restrizzjoni tal-libertà tal-espressjoni tista' biss titqies bħala "prevista mil-liġi" jekk din ir-regola tkun stabbilita bi preċiżjoni suffiċjenti, b'tali mod li tkun prevedibbli fl-effetti tagħha u li tippermetti lid-destinatarji tagħha jirregolaw il-prattika tagħha (ara, f'dan is-sens, il-Qorti EDB, 17 ta' Frar 2004, Maestri vs L-Italja, CE:ECHR:2004:0217JUD003974898, punt 30).

45 Barra minn hekk, għandu jiġi nnotat li, f'demokrazija, il-Parlament jew il-korpi komparabbli huma pjattaformi indispensabbli għad-dibattitu politiku. Għalhekk, indħil fil-libertà tal-espressjoni eżerċitat fil-kuntest ta' dawn il-korpi ma jistax jiġi ġġustifikat ħlief permezz ta' motivi prevalenti (Qorti EDB, 17 ta' Diċembru 2002, A. vs Ir-Renju Unit, CE:ECHR:2002:1217JUD003537397, punt 79).

46 Barra minn hekk, bħalma nnotat b'mod kostanti l-Qorti EDB fil-ġurisprudenza tagħha, il-libertà tal-espressjoni tal-membri parlamentari għandha importanza partikolari. Fil-fatt, prezzjuża għal kulħadd, il-libertà tal-espressjoni hija prezzjuża partikolarment għall-persuni eletti mill-poplu; dawn jirrappreżentaw lill-votanti tagħhom, jesprimu t-tħassib tagħhom u jiddefendu l-interessi tagħhom. Għaldaqstant, indħil fil-libertà tal-espressjoni ta' membru parlamentari tal-Oppożizzjoni, bħar-rikorrent, iġiegħel lill-qorti teżerċita kontroll iktar strett (Qorti EDB, 23 ta' April 1992, Castells vs Spanja, CE:ECHR:1992:0423JUD001179885, punt 42).

47 Għaldaqstant, huwa importanti li jitqies li l-libertà tal-espressjoni tal-membri parlamentari għandha tipprovdi protezzjoni msaħħa fir-rigward tal-importanza fundamentali bħal dik li l-Parlament għandu fis-soċjetà demokratika.

48 Madankollu, filwaqt li enfasizzat li l-kummenti magħmula fi ħdan il-Parlament jitolbu grad għoli ta' protezzjoni, il-Qorti EDB reċentement aċċettat, wara li qieset ir-rabta li teżisti bejn in-natura verament demokratika ta' sistema politika u l-funzjonament tal-Parlament, li l-eżerċizzju tal-libertà tal-espressjoni fi ħdan il-Parlament xi drabi għandha titqiegħed fil-ġenb quddiem l-interessi leġittimi, li huma l-protezzjoni tat-tmexxija tajba tal-attivitajiet parlamentari u l-protezzjoni tad-drittijiet ta' membri parlamentari oħrajn (Qorti EDB, 17 ta' Mejju 2016, Karácsony *et* vs L-Ungerija, CE:ECHR:2016:0517JUD004246113, punti 138 sa 141).

49 Huwa importanti li jiġi nnotat li l-Qorti EDB, minn naħa, għamlitha possibbli li l-Parlament jissanzjona l-aġir ta' wieħed mill-Membri tiegħu sabiex jiżgura t-tmexxija tajba tal-ħidma parlamentari u, min-naħa l-oħra, irrikonoxxiet awtonomija wiesgħa lill-parlamenti sabiex jirregolaw il-mod, il-mument u l-post magħżulin mill-membri parlamentari għall-interventi tagħhom (konsegwentement, bl-istħarriġ eżerċitat mill-Qorti EDB ikun ristrett), iżda, minkejja dan, b'setgħa verament limitata fir-rigward ta' kif jiġi rregolat il-kontenut tal-kummenti magħmula mill-membri parlamentari (konsegwentement, bl-istħarriġ eżerċitat mill-Qorti EDB ikun iktar rigoruż). F'dan ir-rigward, fil-ġurisprudenza tagħha, din tagħmel riferiment esklużivament għal "ċerta doża ta' leġiżlazzjoni […] neċessarja sabiex ma jitwettqux modi ta' espressjoni bħal sejħiet diretti jew indiretti għall-vjolenza" [traduzzjoni mhux uffiċjali] (Qorti EDB, 17 ta' Mejju 2016, Karácsony *et* vs L-Ungerija, CE:ECHR:2016:0517JUD004246113, punt 140).

50 Minn dan isegwi li, minn naħa, regolament intern ta' parlament ma jistax jipprevedi l-possibbiltà ta' sanzjoni ta' kummenti magħmula mill-membri parlamentari, ħlief fl-ipoteżi fejn dawn jippreġudikaw il-funzjonament tajjeb tal-Parlament jew joħolqu perikolu serju għas-soċjetà, bħalma huma s-sejħiet għall-vjolenza jew għall-mibegħda razzjali.

51 Min-naħa l-oħra, il-poter, irrikonoxxut lill-parlamenti, sabiex jimponu sanzjonijiet dixxiplinari biex tiġi żgurata t-tmexxija xierqa tal-attivitajiet tagħhom jew il-protezzjoni ta' ċerti drittijiet, prinċipji jew libertajiet fundamentali, għandu jiġi rrikonċiljat man-neċessità li tiġi żgurata l-osservanza tal-libertà tal-espressjoni tal-membri parlamentari.

52 Għaldaqstant, għandu jiġi vverifikat, filwaqt li jitqiesu l-importanza partikolari li għandha l-libertà tal-espressjoni tal-membri parlamentari, kif ukoll il-limiti stretti li fihom jistgħu jiġu prodotti xi restrizzjonijiet għal din il-libertà, konformement mal-prinċipji ppreżentati mill-ġurisprudenza tal-Qorti EDB f'dan il-kuntest, jekk, bl-impożizzjoni tas-sanzjoni dixxiplinari inkwistjoni, il-Parlament issodisfax ir-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 166(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu.

53 F'dan il-każ, ir-Regoli ta' Proċedura, fil-verżjoni tagħhom fis-seħħ fil-mument tal-fatti kif applikata mill-Bureau tal-Parlament, jipprevedu, fil-Kapitolu 4 tat-Titolu VII intitolat "Miżuri li għandhom jittieħdu f'każ ta' nuqqas ta' osservanza tal-istandards ta' kondotta tal-Membri", miżuri ta' applikazzjoni immedjati, li jistgħu jittieħdu mill-President tas-seduta sabiex jerġa' jġib l-ordni (Artikolu 165 tar-Regoli ta' Proċedura), u sanzjonijiet dixxiplinari li jistgħu jiġu adottati mill-President tal-Parlament fir-rigward ta' membru (Artikolu 166 tar-Regoli ta' Proċedura).

54 Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 166(1) tar-Regoli ta' Proċedura li ġie applikat f'dan il-każ, il-President tal-Parlament għandu jadotta deċiżjoni motivata li tistipula s-sanzjoni xierqa "[f]'każijiet serji ta' diżordni jew sfrattar tal-Parlament bi ksur tal-prinċipji mniżżla fl-Artikolu 11 […]".

55 Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li l-formulazzjoni tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 166(1) tar-Regoli ta' Proċedura tvarja skont il-verżjonijiet lingwistiċi tal-imsemmija regoli. Għaldaqstant, għall-kuntrarju tal-verżjoni Franċiża ta' din id-dispożizzjoni kif ukoll, partikolarment, tal-verżjonijiet Ġermaniża, Taljana, Spanjola, Olandiża u Griega, il-verżjoni Ingliża ma ssemmix l-isfrattar "tal-ħidma" jew "tal-attività" tal-Parlament, iżda tuża l-espressjoni "disruption of Parliament". Skont il-Parlament, din l-espressjoni ma tikkonċernax biss il-ħidma parlamentari fil-Kamra, iżda tindika sitwazzjoni usa' minn dik tas-seduta, li tinkludi wkoll l-impatt fuq ir-reputazzjoni jew id-dinjità fir-rigward tal-istituzzjoni.

56 F'dan ir-rigward, huwa importanti li jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, in-neċessità ta' interpretazzjoni uniformi ta' dispożizzjoni tirrikjedi, fil-każ ta' diverġenza bejn id-diversi verżjonijiet lingwistiċi ta' din id-dispożizzjoni, li d-dispożizzjoni inkwistjoni tiġi interpretata skont il-kuntest u l-għan tal-leġiżlazzjoni li hija tagħmel parti minnha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-23 ta' Novembru 2016, Bayer CropScience u Stichting De Bijenstichting, C-442/14, EU:C:2016:890, punt 84 u l-ġurisprudenza ċċitata).

57 Minn dan isegwi li l-argument sostnut mill-Parlament matul is-seduta, li skontu l-verżjoni Ingliża tal-Artikolu 166 tar-Regoli ta' Proċedura għandha tintuża għall-interpretazzjoni tar-rieda tal-leġiżlatur u tal-verżjonijiet lingwistiċi kollha, ma tistax tirnexxi.

58 Fil-fatt, fid-dawl tal-kuntest u l-iskop tiegħu, l-Artikolu 166 tar-Regoli ta' Proċedura jikkonċerna l-każ ta' preġudizzju għall-funzjonament tajjeb tal-Parlament jew għat-tmexxija tajba tal-ħidma parlamentari u, għalhekk, huwa intiż li jissanzjona l-aġir ta' membru li jipparteċipa f'seduta jew f'ħidma parlamentari li jkun ta' natura li xxekkel serjament l-iżvolġiment tagħhom. Barra minn hekk, tali interpretazzjoni tikkorrispondi, kif ġie mfakkar ukoll fil-punti 49 sa 51 hawn fuq, għall-għan ġeneralment imfittex mir-regolament dixxiplinari ta' parlament li l-Qorti EDB irrikonoxxietlu n-natura leġittima (ara, f'dan is-sens, Qorti EDB, 17 ta' Mejju 2016, Karácsony *et* vs L-Ungerija, CE:ECHR:2016:0517JUD004246113, punti 138 sa 140).

59 Iktar minn hekk, għandu jiġi nnotat li l-formulazzjoni tal-Artikolu 166 tar-Regoli ta' Proċedura għandha t-tendenza li tqis li żewġ ċirkustanzi jistgħu jiġu ssanzjonati, jiġifieri jew il-fatt ta' "diżordni […] tal-Parlament bi ksur tal-prinċipji mniżżla fl-Artikolu 11" jew ta' "sfrattar tal-Parlament bi ksur tal-prinċipji mniżżla fl-Artikolu 11 […]".

60 F'dan ir-rigward, huwa importanti li jiġi kkonstatat li la mid-deċiżjoni tal-Bureau, u lanqas mill-kitbiet tal-partijiet, ma jirriżulta li l-kummenti magħmula mir-rikorrent quddiem il-Parlament matul is-seduta plenarja tal-1 ta' Marzu 2017 ħolqu xi diżordni f'din is-seduta, fis-sens tal-ewwel alternattiva msemmija

fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 166(1) tar-Regoli ta' Proċedura. F'dan ir-rigward, kif jirriżulta mit-tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Qorti Ġenerali, l-unika reazzjoni immedjata għall-kummenti tar-rikorrent kienet dik tal-membru li għamlet domanda lir-rikorrent permezz ta' karta blu. Hija esprimiet ir-rabja tagħha kif ġej: "Sur membru, warajk, wara t-teoriji tiegħek, lanqas għandi d-dritt li nkun hawn bħala membru, naf li dan ma jinżillekx tajjeb, naf li ma tieħu xejn pjaċir bil-fatt li llum il-ġurnata n-nisa għandhom id-dritt li jirrappreżentaw liċ-ċittadini taħt l-istess kundizzjonijiet, bl-istess drittijiet bħal tiegħek. U jiena, li jiena mara, niddefendi d-drittijiet tan-nisa kontra rġiel bħalek". Madankollu, din ir-reazzjoni ma tistax tintuża biex tikkaratterizza s-seħħ ta' diżordni gravi tas-seduta plenarja tal-1 ta' Marzu 2017 jew ta' sfrattar gravi tal-ħidma tal-Parlament. Barra minn hekk, tali evalwazzjoni ma tirriżultax mid-deċiżjoni tal-Bureau, li hija suġġetta għall-istħarriġ tal-legalità li ġie adit mill-Qorti Ġenerali permezz ta' dan ir-rikors.

61 Iktar minn hekk, kemm fil-kuntest tat-tweġibiet għall-mistoqsijiet bil-miktub tal-Qorti Ġenerali kif ukoll matul is-seduta, il-Parlament ikkonferma li ma kien hemm ebda diżordni jew sfrattar tal-ħidma, *a fortiori* gravi, fi ħdanu, matul is-seduta plenarja tal-1 ta' Marzu 2017 u fil-kuntest tad-dibattiti relatati, wara l-intervent tar-rikorrent. Madankollu, il-Parlament afferma li l-każ tar-rikorrent xorta waħda jaqa' fit-tieni alternattiva msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 166(1) tar-Regoli ta' Proċedura, jiġifieri "l-isfrattar tal-ħidma", li kellha l-konsegwenza diretta tal-ksur tal-prinċipji tal-Artikolu 11 tal-imsemmija regoli, li jistabbilixxi l-istandards ta' kondotta għall-Membri. F'dan ir-rigward, il-Parlament allega li l-"isfrattar" li ġġustifika l-impożizzjoni tas-sanzjonijiet dixxiplinari fir-rigward tar-rikorrent kien twettaq barra mis-seduta, permezz ta' preġudizzju għar-reputazzjoni u għad-dinjità fir-rigward tal-istituzzjoni. Barra minn hekk, il-Parlament ippreċiża li l-isfrattar tal-ħidma msemmi fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 166(1) tar-Regoli ta' Proċedura ma kienx limitat biss għad-dibattiti jew il-ħidma fi ħdanu, iżda għandu jingħatalu sens usa', li jinkludi lill-Parlament kollu kemm hu, id-dinjità, ir-reputazzjoni u, għalhekk, il-funzjonament tiegħu.

62 Dan l-argument ma jistax jintlaqa'.

63 Fil-fatt, l-ewwel nett, għandu jiġi kkonstatat li l-affermazzjoni tal-Parlament, matul is-seduta, li skontha s-sitwazzjoni tar-rikorrent taqa' fit-tieni alternattiva msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 166(1) tar-Regoli ta' Proċedura, jiġifieri l-isfrattar tal-ħidma tal-Parlament, ma tirriżultax mid-deċiżjoni tal-Bureau, li ma tippreċiżax il-motiv ta' ksur speċifiku f'dan il-każ, fost dawk intiżi fl-imsemmija dispożizzjoni. F'dan ir-rigward, l-imsemmija deċiżjoni sempliċement tikkonstata, fil-punt 32, li l-aġir tar-rikorrent jikkostitwixxi ksur tal-prinċipji mniżżla fl-Artikolu 11(3) tal-imsemmija regoli, sa fejn dan jikser il-valuri u l-prinċipji mniżżla fit-Trattati tal-Unjoni u sa fejn dan ma jirrispettax id-dinjità tal-Parlament u jiddeduċi l-eżistenza ta' "sfrattar tal-Parlament", fis-sens tal-Artikolu 166 ta' dawn ir-regoli. Għall-kuntrarju ta' dak li sostna l-Parlament matul is-seduta, qari differenti minn dak fil-punt 32 tad-deċiżjoni tal-Bureau ma jistax jirriżulta mill-motivi inklużi fil-punti 26 u 27 tal-imsemmija deċiżjoni, li għandha tiġi interpretata fid-dawl tagħhom. Fil-fatt, dawn l-aħħar punti jinnotaw biss li l-kummenti provokanti, premeditati, insolenti u diskriminatorji, kemm fir-rigward tan-nisa kif ukoll tal-Parlament bħala istituzzjoni, kienu jikkostitwixxu ksur tal-valur fundamentali tal-Unjoni u li setgħu jikkontribwixxu għal perċezzjoni negattiva tal-Parlament u tal-Membri tiegħu mill-pubbliku. Għaldaqstant, jekk dawn l-evalwazzjonijiet setgħu, l-iktar l-iktar, jiġu interpretati bħala li jikkonstataw ksur tal-Artikolu 11 tar-Regoli ta' Proċedura, dawn bl-ebda mod ma jagħmlu riferiment għall-isfrattar tal-ħidma tal-Parlament, bħalma jitlob l-Artikolu 166 tar-Regoli ta' Proċedura.

64 Madankollu, f'dan ir-rigward ikun biżżejjed li jitfakkar li huwa l-Artikolu 166 tar-Regoli ta' Proċedura, u mhux l-Artikolu 11 tiegħu, li jippreċiża l-kundizzjonijiet li fihom tista' tiġi imposta sanzjoni fuq membru. Fil-fatt, l-Artikolu 11 tal-imsemmija regoli jinkludi l-istandards ta' kondotta li jfakkru l-prinċipji u l-valuri li għandhom jiġu osservati mill-Membri fl-aġir tagħhom, li, skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 11(3) tal-imsemmija regoli, ma għandux jikkomprometti l-iżvolġiment tajjeb tal-ħidma parlamentari, iż-żamma tas-sigurtà u tal-ordni fil-binjiet tal-Parlament jew, għal darba oħra, il-funzjonament tajjeb tat-tagħmir ta' dan tal-aħħar. Barra minn hekk, it-tieni subparagrafu

tal-Artikolu 11(3) tar-Regoli ta' Proċedura jgħid li, matul id-dibattiti parlamentari, il-Membri ma għandhom jwettqu l-ebda kumment jew aġir malafamanti, razzisti jew ksenofobiċi. Għall-kuntrarju, fir-rigward tal-konsegwenzi possibbli tan-nuqqas ta' osservanza tal-istandards ta' kondotta, ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 11(3) tar-Regoli ta' Proċedura jindika biss li "jista'" jwassal għall-applikazzjoni ta' "miżuri", konformement mal-Artikoli 165, 166 u 167 tal-imsemmija regoli. Minn dan isegwi li l-konklużjoni bbażata fuq il-punt 32 tad-deċiżjoni tal-Bureau, li skontha ksur tal-prinċipji u tal-valuri mniżżla fl-Artikolu 11 ta' dawn ir-regoli jwassal *ipso facto* għall-konstatazzjoni ta' diżordni gravi tas-seduta jew ta' sfrattar gravi tal-ħidma tal-Parlament, assolutament ma tirriżultax mill-imsemmija dispożizzjoni.

65 Il-fatt li l-Artikolu 11(3) tar-Regoli ta' Proċedura, fil-verżjoni tiegħu applikabbli għal din il-kawża, jinkludi, fit-tieni paragrafu tiegħu, riferiment għal-"lingwaġġ jew [għall-]imġiba malafamanti, razzisti jew ksenofobiċi" ma jistax imur kontra din il-konklużjoni. F'dan ir-rigward, huwa importanti li jitfakkar li, għalkemm, bħall-verżjoni preċedenti tiegħu, l-Artikolu 166(1) tar-Regoli ta' Proċedura jagħmel riferiment għall-prinċipji mniżżla fl-Artikolu 11 tal-istess regoli, interpretazzjoni letterali tal-ewwel waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet twassal sabiex jitqies li l-ksur ta' dawn il-prinċipji ma jikkostitwixxix motiv ta' inkriminazzjoni awtonoma, iżda rekwiżit addizzjonali, neċessarju sabiex ikunu jistgħu jiġu ssanzjonati d-diżordni tas-seduta jew l-isfrattar tal-ħidma tal-Parlament, u l-Parlament ikkonferma dan ukoll matul is-seduta. Minn dan isegwi li ksur tal-prinċipji mniżżla fl-Artikolu 11 tar-Regoli ta' Proċedura, jekk wieħed jassumi li dawn ġew stabbiliti, ma jistax, waħdu, jiġi ssanzjonat bħala tali, iżda dan jista' jsir biss jekk ikun akkumpanjat minn diżordni jew sfrattar gravi tal-ħidma tal-Parlament, u l-Parlament ikkonferma dan ukoll matul is-seduta.

66 It-tieni nett, għall-kuntrarju tal-affermazzjonijiet tal-Parlament matul is-seduta, li kieku l-isfrattar tal-ħidma tal-Parlament imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 166(1) tar-Regoli ta' Proċedura twettaq barra mill-Kamra, minħabba riperkussjonijiet li kien ikollhom il-kummenti tar-rikorrent barra mill-Parlament, ma jistax jitqies bħala preġudizzju għar-reputazzjoni jew għad-dinjità tiegħu bħala istituzzjoni. Fil-fatt, iċ-ċirkustanza, imsemmija fil-punt 27 tad-deċiżjoni tal-Bureau, li l-kummenti tar-rikorrent kienu, wara s-seduta plenarja tal-1 ta' Marzu 2017, ġibdu l-attenzjoni tal-midja u tan-netwerks soċjali u li "setgħu" (likely) jikkontribwixxu għal perċezzjoni negattiva tal-Parlament u tal-Membri tiegħu mill-pubbliku, hija irrilevanti, minħabba li ma tippermettix li jitqies li l-Parlament stabbilixxa l-eżistenza ta' sfrattar tal-ħidma tiegħu, fis-sens tal-Artikolu 166 tar-Regoli ta' Proċedura. Barra minn hekk, id-deċiżjoni tal-Bureau ma tinkludi l-ebda evalwazzjoni dwar il-kriterji li setgħu jwasslu lill-Bureau tal-Parlament sabiex jikkonstata allegat preġudizzju għad-dinjità tal-Parlament. Iktar minn hekk, minħabba n-nuqqas ta' definizzjoni tal-kriterji oġġettivi għall-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' tali preġudizzju u fid-dawl tan-natura vaga tal-kunċett ta' "dinjità tal-Parlament" jew ta' preġudizzju għal din tal-aħħar, kif ukoll tal-marġni ta' evalwazzjoni sinjifikattiv li għandu l-Parlament fil-qasam, tali interpretazzjoni jkollha effett li tirrestrinġi l-libertà tal-espressjoni tal-membri parlamentari b'mod arbitrarju.

67 Barra minn hekk, għandu jiġi nnotat li l-Artikolu 166(2) tar-Regoli ta' Proċedura jikkonċerna l-aġir tal-Membri u jipprevedi li, għall-finijiet tal-evalwazzjoni tiegħu, għandha titqies in-natura eċċezzjonali, rikorrenti jew permanenti kif ukoll is-serjetà tiegħu. Għall-kuntrarju, il-kummenti, il-kliem jew id-diskors ma jissemmewx u, għaldaqstant, kif inhuma, ma jistgħux ikunu suġġetti għal miżura ta' sanzjoni.

68 Minn dan jirriżulta li, anki jekk wieħed jassumi li l-kummenti magħmula fil-kuntest tal-funzjonijiet parlamentari jistgħu jitqiesu bħala aġir, li għandu, konformement mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 11(3) tar-Regoli ta' Proċedura, parikolarment, ikun ibbażat fuq ċerti valuri u ma jikkompromettix l-iżvolġiment tajjeb tal-ħidma parlamentari u li, l-imsemmija kummenti setgħu, f'dan ir-rigward, jikkostitwixxu ksur tal-prinċipji u tal-valuri mniżżla f'din id-dispożizzjoni, dawn ma setgħux jiġu ssanzjonati fin-nuqqas ta' diżordni gravi jew sfrattar gravi tal-ħidma tal-Parlament.

69 Barra minn hekk, id-distinzjoni stabbilita fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 166(2) tar-Regoli ta' Proċedura għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-aġir tal-Membri matul l-eżerċizzju tal-funzjonijiet parlamentari tagħhom bejn, minn naħa, l-aġir ta' natura viżwali li jista' jiġi ttollerat f'ċerti ċirkustanzi u, min-naħa l-oħra, "dawk li jisfrattaw b'mod attiv kwalunkwe attività parlamentari", ma tippermettix li l-kummenti magħmula fis-seduta parlamentari jitqiesu bħala li setgħu jiġu inklużi f'din l-aħħar kategorija ta' aġir u, f'dan ir-rigward, issanzjonati, fin-nuqqas ta' konstatazzjoni ta' diżordni tas-seduta jew ta' sfrattar gravi tal-ħidma tal-Parlament.

70 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal hawn fuq, kif ukoll tal-importanza partikolari li għandha l-libertà tal-espressjoni tal-membri parlamentari u tal-limiti stretti li fihom jistgħu jiġu prodotti r-restrizzjonijiet għaliha, l-Artikoli 11 u 166 tar-Regoli ta' Proċedura, imfakkra fil-punti 37 sa 51 hawn fuq, għandhom jiġu interpretati bħala li ma jippermettux is-sanzjoni ta' membru minħabba kummenti magħmula fil-kuntest tal-funzjonijiet parlamentari tiegħu, fin-nuqqas ta' diżordni gravi tas-seduta jew ta' sfrattar gravi tal-ħidma tal-Parlament.

71 F'dawn il-kundizzjonijiet, u minkejja n-natura partikolarment xokkanti tal-kliem użat mir-rikorrent fl-intervent tiegħu matul is-seduta plenarja tal-1 ta' Marzu 2017, il-Parlament ma setax, fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, jimponilu sanzjoni dixxiplinari fuq il-bażi tal-Artikolu 166(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu.

72 Iktar minn hekk, anki jekk ġie meqjus li l-isfrattar tal-ħidma ma kienx limitat *stricto sensu* għall-Kamra, fid-dawl tal-fatt li r-riferiment għas-"seduta" fl-Artikolu 166(1) tar-Regoli ta' Proċedura ma jeżistix ħlief fir-rigward tal-ewwel alternattiva msemmija, jiġifieri d-diżordni gravi, sens wiesgħa daqs dak difiż mill-Parlament ma jistax jirnexxi għall-motivi mogħtija fil-punt 66 hawn fuq.

73 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal hawn fuq, għandu jintlaqa' l-ewwel motiv sa fejn dan għandu l-għan li jistabbilixxi ksur tal-Artikolu 166 tar-Regoli ta' Proċedura kif ukoll tal-ewwel kap tat-talbiet, u li tiġi annullata d-deċiżjoni tal-Bureau, mingħajr ma jkun neċessarju li jiġi eżaminat it-tieni motiv imqajjem insostenn tat-talbiet għal annullament.

### *Fuq it-talbiet għal kumpens*

74 Insostenn għat-talbiet għal kumpens tiegħu, ir-rikorrent isostni li l-annullament tad-deċiżjoni tal-Bureau ma tippermettilux li jikseb kumpens għad-danni mġarrba kollha. Għaldaqstant, huwa jitlob, minn naħa, il-kumpens għad-dannu finanzjarju li jirriżulta mit-telf tad-dritt għall-allowance ta' residenza li jikkorrispondi għal EUR 9 180. Min-naħa l-oħra, huwa jitlob il-kundanna tal-Parlament għall-ħlas ta' somma ta' EUR 10 000 bħala kumpens għad-dannu morali, li jirriżulta mis-sospensjoni tal-parteċipazzjoni tiegħu fl-attivitajiet tal-Parlament, mill-projbizzjoni li jirrappreżenta lill-Parlament kif ukoll mill-preġudizzju għar-reputazzjoni u l-onorabbiltà tiegħu.

75 Il-Parlament isostni li t-talba għal kumpens għad-dannu finanzjarju hija inammissibbli. Barra minn hekk, huwa jqis li l-annullament tad-deċiżjoni tal-Bureau tkun tikkostitwixxi kumpens adegwat għad-dannu morali tar-rikorrent. Sussidjarjament, huwa jemmen li s-somma ta' massimu ta' EUR 1 000 għandha tkun xierqa.

76 F'dan il-każ, fir-rigward, l-ewwel nett, tat-talba għal kumpens għad-dannu finanzjarju li jirriżulta mit-telf tad-dritt għall-allowance ta' residenza, huwa biżżejjed li jiġi nnotat li r-rikorrent ma jispjegax kif, anki jekk id-deċiżjoni tal-Bureau tiġi annullata, il-fatt li huwa diġà sofra s-sanzjoni inkwistjoni ma huwiex se jippermettilu jikseb kumpens għad-danni kollha, speċjalment minħabba li huwa talab biss il-ħlas tal-ammont li jikkorrispondi għall-allowance li kien jirċievi li kieku ma ġietx imposta s-sanzjoni, jiġifieri EUR 9 180. Madankollu, fid-dawl tal-annullament tad-deċiżjoni tal-Bureau u konformement

mal-Artikolu 266 TFUE, huwa l-Parlament li għandu jieħu l-miżuri li tinvolvi l-eżekuzzjoni ta' din is-sentenza, fatt li jimplika r-rimbors tas-somom li jikkorrispondu għall-allowance ta' residenza li l-ħlas tagħha ġie sospiż.

77 Minn dan isegwi li t-talba għal kumpens għad-dannu finanzjarju għandha tiġi miċħuda.

78 Fir-rigward, it-tieni nett, tat-talba għal kumpens għad-dannu morali allegatament imġarrab mir-rikorrent, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, l-annullament ta' att ivvizzjat b'illegalità jista' jikkostitwixxi fih innifsu kumpens adegwat u, bħala prinċipju, suffiċjenti ta' kull dannu morali li dan l-att seta' kkawża (sentenzi tad-9 ta' Lulju 1987, Hochbaum u Rawes vs Il-Kummissjoni, 44/85, 77/85, 294/85 u 295/85, EU:C:1987:348, punt 22, u tad-9 ta' Novembru 2004, Montalto vs Il-Kunsill, T-116/03, EU:T:2004:325, punt 127), sakemm ir-rikorrent ma jurix li ġarrab dannu morali separat mill-illegalità li fuqha huwa bbażat l-annullament u li ma jistax jiġi kollu kemm hu kkumpensat b'dan l-annullament (ara s-sentenza tal-25 ta' Ġunju 2015, EE vs Il-Kummissjoni, F-55/14, EU:F:2015:66, punt 46 u l-ġurisprudenza ċċitata).

79 F'dan il-każ, xejn minn dak li hemm fil-proċess ma jippermetti li jiġi kkonstatat li d-deċiżjoni tal-Bureau ġiet adottata fil-kundizzjonijiet li kienu kkawżaw id-dannu morali lir-rikorrent indipendentement mill-att annullat. Għaldaqstant, it-talba għal kumpens għad-dannu morali għandha tiġi miċħuda.

**Fuq l-ispejjeż**

80 Skont l-Artikolu 134(3) tar-Regoli tal-Proċedura, jekk il-partijiet jitilfu rispettivament fuq waħda jew iktar mit-talbiet tagħhom, kull parti għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha. F'dan il-każ, sa fejn it-talba għal annullament biss hija milqugħa, għandu jiġi deċiż li kull parti tbati l-ispejjeż tagħha.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Is-Sitt Awla Estiża)

taqta' u tiddeċiedi:

**1) Id-deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' April 2017 hija annullata.**

**2) It-talba għad-danni hija miċħuda.**

**3) Janusz Korwin-Mikke u l-Parlament Ewropew ibatu l-ispejjeż tagħhom.**

Berardis Papasavvas Spielmann

Csehi Spineanu-Matei

Mogħtija fis-seduta pubblika fil-Lussemburgu, fil-31 ta' Mejju 2018.

Firem